Gmail

Emanuel Delia <emanuel.delia@gmail.com>

# Sa biex tingab a konjizzjoni tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja

1 message

**Andrew Borg Cardona** <andrewbc@bcgladvocates.com>
To: deborah.farrugia@gov.mt
Cc: Repubblika <repubblika.mt@gmail.com>

13 July 2020 at 17:56

Ghaziza Dr Farrugia

Naghmel referenza ghall-komunikat tieghek tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-ilment imressaq fil-konfront tal-Imh. Grixti minni f'ismi u f'isem l-NGO Repubblika.

Biex infakkar il-Kummissjoni, kont infurmat minnek illi ilment kontra Imhallef ma jistax jitressaq hlief mill-Prim Imhallef jew l-Ministru tal-Gustizzja. Ghal dan jien kont stqarrejtlek illi galdarba L-Prim Imhallef kien membru tal-Kummissjoni, seta' jiehu l-passi li kien jidhirlu.  Il-Kummissjoni ma kellha xejn x'izzid, kif infurmajtni bl-ittra tal-21 ta' Novembru 2019.

Issa li l-Ufficcju Nazzjonali tal-Verifika ghamel l-osservazzjonijiet tieghu dwar il-kaz "Vitals", li kien l-isfond tal-ilment propost kontra l-Imhallef Grixti, nitolbok iiggib din l-ittra elettronika formalment a konjizzjoni tal-membri tal-Kummissjoni, biex il-Prim Imhallef ikun jista' jasal ghall-gudizzju ghandux jitlob lill-Kummissjoni jipprocedi kontra l-Imhallef Grixti, fid-dawl tal-iskandlu 'Vitals' li issa gie aktar fid-deher.

Ghoddni tieghek

Andrew Borg-Cardona
BCGL Advocates

This email is confidential to the addressee(s) only and may not be cited or used in litigation except with the express consent of its author.  All statements made are without prejudice unless otherwise indicated. As emails travel over public networks no responsibility is taken for completeness or security.